# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 470/2015**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Camilleri**

iben John, imwieled Zurrieq, fl-1 ta' Awwissu, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 558759(M)

Illum 17 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmel Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-14 ta' Novembru 2014 u s-Sibt 15 ta' Novembru 2014, għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' bil-lejl u s-siegħa u nofs ta' filgħodu (23:00pm - 01:30am), fl-inħawi taż-Żurrieq, waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar;

1. Illi kien qed jonsob għall-għasafar bi ksur tar-Regolament 18 (1) (c) tal-L.S. 504.71.

2. Illi kien qed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Regolament 12 (1) tal-A. L. 79/2006, hekk kif emendat bil-L.S. 504.71.

3. Illi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki bi ksur tar-Regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 504.71.

4. Illi żamm jew uża kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa probit taħt is-subregolament (1) ta Regolament 7 tal-L.S. 504.71 bi ksur tat-tieni subregolament tal-istess artikolu.

5. Finalment, illi ikkaċċja jew pprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita ta' kaċċa jew insib xi gass jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7 (1) (d) tal-L.S. 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-14 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c), 12, 19, (1), 7(1)(d)(e) u (2)tal-AL 79 tal-2006, hekk kif emendat L.S. 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant kkundannatu multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400). Ordnat il-konfiska tal-esebiti u s-sospensjoni tal-liċenżja maħruġa taħt l-istess regolamenti (A.L. 79 tal-2006) għal tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmel Camilleri minnu ppreżentat fil-21 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata tal- erbatax (14) t' Ottubru 2015 mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza kwantu għall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża, tikkonsidra assorbiti it-tielet (3) u l-ħames (5) akkuża fir-raba' (4) u tnaqqas il-piena nflitta u tilliberaħ mit-tielet (3), raba' (4) u l-ħames (5) akkuża billi tilqa' l-aggravju kif aktar il-fuq esposti u tinfliġġi piena li tirrifletti aħjar il-ksur tal-liġi kommess u dan taħt dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-akkużi dedotti huma repettitivi sabiex il-waħda tinkwadra lill-oħra b'mod naturali għal liema raġuni kellu jigi applikat il-prinċipju li dik l-iktar gravi tinkorpora u tassorbi l-akkużi l-oħra.

Illi ma inġiebet l-ebda prova li l-Bird Caller mgħoddi lill-Pulizija kien qiegħed attwalment jintuża stante illi meta l-appellant intalab jgħaddi l-istess apparat, dan ma kienx ġewwa l-għalqa iżda kien f' kexxun ġewwa gradenza fid-dura. Oltre minn hekk, ma tressqet l-ebda prova li l-Bird Caller li instema' mill-Pulizija kien effetivament tal-appellant.

Illi kwantu għall-ixbieki imsemmija fit-tielet akkuża, ma tressqet l-ebda prova għajr il-presenza tagħhom u sabiex dan l-apparat jkun projbit mil-L.S. 504.71, huwa ċar li l-apparat għandu jkun mgħammar b' mod u manjiera sabiex jirrifletti l-fatt li qed jintuża. Fil-każ odjern, l-apparat kien biss preżenti fl-għalqa kawża tat-traskuraġni tal-appellant li m' għamilx ix-xbieki lura f'posthom una volta kien lest mill-insib u l-ebda prova ma nġiebet sabiex tinnega il-fatt li x-xbieki ma kienux f'qagħda li jintużaw.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża hija waħda sommarja u din il-Qorti kellha terġa tisma' x-xhieda mill-ġdid peress li x-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx rekordjata jew traskritta.

Illi bħala prova quddiem l-ewwel Qorti ġew preżentati d-dokumenti segwenti:

1) Affidavit ta' PC 572 Antoine D'amato

2) Affidavit ta’ PC 451 Aaron Bugeja
3) Affidavit ta’ PC 220 Lawrence Paul Cardona
4) Affidavit ta’ PS 1141 Noel Tanti u din il-Qorti ser teżamina l-affidavits ta’ dawn fid-dettall.

1. Fl-affidavit tiegħu **<u>PC 572 Antoine D’amato</u>** jiddikjara li bejn nofs il-lejl u n-nofs siegħa ta’ filgħodu flimkien ma’ PC 451, PC220 u PS 1141 kienu qegħdin fl-inħawi ta’ bejn Ħal Far u Żurrieq u bdew jisimgħu bird caller bl-għajjat għall-Pluvieri mixgħul fil-viċin. Huma baqgħu jsegwu l-ħoss u meta ġew viċin l-għalqa l-għajjat tal-*bird caller* intefa’.X’ħin daħlu fl-għalqa minn fejn semgħu l-għajjat ***<u>sabu mansab armat bi xbiek għall-Pluvieri u kif ukoll kellu xi decoys kemm tal-plastik fl-area tal-mansab u kif wkoll ħajji</u>*****<u>n</u>** (Fol 8). Inoltre, hu u PC 451 sabu ***<u>żewġ speakers fin-nofs tal-mansab</u>*** .Wara li ġabru l-ispeakers huma komplew isegwu minn fejn kien għaddej il-wire għall-istess speaker biex isibu l-bird caller u nnutaw li kien **<u>mgħoddi għal ġol kamra fejn kien hemm ukoll il-ġbid tal-mansab minn taħt l-art.</u>** Il-bieb għal kamra kien imsakkar iżda kien hemm tieqa miftuħa u pruvaw jaraw isibux il-persuna li kienet qed tonsob peress li leħaq ħarab mill-post.

   Kien PS 1141 li waqt li qed jispezzjoni l-inħawi sab persuna maskili moħbija ġo dura tal-ġebel baxxut. Hemmhekk kellimnih u tlabnih jiftaħ il-kamra. Huwa ammetta magħħom li l-mansab kien tiegħu u kien qed jonob għal Pluvieri. Talbuh il-*bird caller* u huwa mar jġibu **minn ġol *cooker,*** fejn kien leħaq ħbieh x’ħin kien lemaħ lil Pulizija.

2. Fl-affidavit tiegħu **<u>PC 451 Aaron Bugeja</u>** huwa jiddeskrivi kif huma segwew il-ħoss tl-birdcaller fil-ħin u l-post indikat minn PC 572 fl-affdavit tiegħu u kif meta waslu madwar tlett għelieqi ‘ l isfel minn fejn kien l-*bird caller* , dan il-bird caller ġie mitfi. Segwew l-għajjat tal-għasafar u xi għaxar minuti wara , għax kellhom jaqbżu anke ċnut biex jaslu sabu ***<u>xbiek armat u l-mansab minsub u anke xi decoys bejn l-ixbieki u xi pluvieri ħajjin mdawrin mal-kamra.</u>*** L-*ispeaker*s kienu f’nofs il-mansab u segwew *l-wire* biex jaraw minn fejn kienu ħerġin u sabu li kien ġej mill-istess kamra minn fejn kien hemm il-ġbid tal-istess mansab. Il-kamra kienet vojta għax kien leħaq ħarab iżda PS 1141 rah u qallu jinżel minn ġod-dura li kienet naqra lejn ix-xellug tal-mansab.

***<u>Huwa stess qalilhom li kien ħarab peress li kien beża meta rahom sejrin fid-direzzjoni lejh.</u>*** Ammetta magħhom li kien qed jonsob u għaddielhom il-*bird caller*.

3. Fl-affdavit **<u>PC 220 Lawrence Paul Cardona</u>** jikkonferma dkoll li raw ix-xbiek armat u l-mansab minsub u li kien hemm xi decoys bejn l-ixbieki u xi pluvieri mdawrin mal-kamra. Huwa kien mitlub jibqa' hemm minn PS 1141 biex jekk jara lil xi ħadd iżommu u huwa niżel ħdejn l-oħrajn wara li qallu PS 1141 u li kien sema' li sabu lil xi ħadd. Apparti li semgħu jammetti wkoll rah jagħti l-*bird caller,* il-liċenżja speċjali tal-insib u ċ-ċrieket lil PS 1141.

4. **<u>PS 1141 Noel Tanti</u>** jikkonferma fl-affidavit tiegħu jgħid li għal ħabta ta' nofs il-lejl u nofs siegħu ta' filgħodu kienu fl-area ta' bejn Ħal Far u ż-Żurrieq u semgħu għajjat tal-pluvieri li kien ġej minn xi għalqa ftit ' il fuq minn fejn kienu huma. Meta resqu xi tlett għelieqi ' l isfel dan il-*bird caller* intefa', huma baqgħu jsegwu l-għajjat tal-pluvieri u sabu l-ixbiek armat u minsub u kien hemm ukoll decoys bejn l-ixbieki u xi pluvieri ħajjin mdawarin mal-kamra. PC 451 u PC 572 iċċekkjaw l-ixbiek u sabu żewġ s*peakers* f'nofs il-mansab. Segwew il-wire u sabu li kien ħiereġ mill-kamra minn fejn kien hemm il-ġbid tal-istess mansab. Fil-kamra ma kien hemm ħadd għax kien ħarab u hu beda mixi għal karma oħra li kien hemm fl-istess għalqa u ra persuna tistaħba ġewwa dura u beda jgħajjat sabiex jinżel minn ġod-dura li kienet naqra lejn ix-xellug tal-mansab. Huwa niżel u qalilhom li beża x'ħin rahom nieżlin lejn id-direzzjoni tiegħu. Umbgħad għaddielhom l-*bird caller* u l-liċenżja speċjali tal-insib u ċ-ċrieket.

Il-Pulizija kollha jikkonfermaw kemm il-ħin, il-post u kif sabu l-ixbiek li kien armat u l-mansab. Kif ukoll li tefa' l-*bird caller* hekk kif ħasshom li ġejjin fuqu l-appellant. Dan jindika kemm effettivament huwa kien qed jonsob. Huwa ħaseb li kif kien ser jitfi l-*bird caller* ma kienux ser jaqbduh tant li staħba. Iżda l-pluvieri ħajjin komplew jgħajjtu u l-Pulizija segwew l-għajjat tagħhom u sabu l-ixbiek, l-mansab u l-ispeakers , decoys u pluvieri ħajjin.

Mill-evidenza mressqa mill-Prosekuzzjoni ma hemm ebda dubju li l-appellant kien qed jonsob.

Xehed **Felix Demicoli** mill-uffiċju meteoroloġiku biex jikkonferma meta niżlet ix-xemx fl-14 ta' Novembrutal-2014 u x'ħin telgħat ix-xemx fil-15 ta' Novembru, 2014. Ix-xemx kienet niżlet fl-erbgħa u sitta u ħamsin minuta (04:56p.m.) u telgħat fil-15 ta' Novembru fis-sitta u tmienja u tletin minuta (6:38a.m.)

Meta xehed quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2016 l-appellant **Carmel Camilleri** huwa qal li kien mar l-għalqa **fil-ħdax ta' bil-lejl** għax kienu ħallew xi inġenji barra ma kienux lestew ix-xogħol li kellu jitlesta. Huwa jgħid li huwa dieħel ġol għalqa ra d-dawl u mar jitawwal mill-kamra li kellu għax ma kienx ra lilhom imma t-torch tagħhom biss ra. Meta rahom hu kien għadu kif jasal. Umbgħad jgħid li meta ġie biex jgħaddi minn quddiemu l-Pulizija staqsieh 'x'inqala' u l-Pulizija qallu li kien qed jonsob imma huwa ċaħad li kien qed jonsob għax kien għadu kemm wasal. Mistoqsi jekk kienx hemm għasafar barra, l-ewwel jgħid *'Le, le ma kellix.* Il-*kamra kienet magħluqa' (Fol 34)* u iktar tard jgħid ' *Le,le tal-plastik kien hemm. Tlieta tal-plastik ġol-mansab.*' Fol 35. Huwa jgħid li l-istaġun kien fetaħ, pero' ma kien hemm għasafar u li kellu li liċenżji kollha. Inkwantu għal mod kif kellem lil Pulizija, l-appellant ivarja l-verżjonijiet, daqqa jgħid li mar fuqhom, umbgħad jgħid li dak il-ħin, fid-dlam ma kienx ser ikellem lil ħadd u ħin ieħor jgħid li l-Pulizija qallu *' Ejja għax ħsadtni'*. Hu jgħid li kellu ħin jaħrab għax għamlu xi nofs siegħa ifittxu. Meta mistoqsi dwar it-*tractor*, huwa jiċħad li kien qiegħed hemm għall-insib, u jgħid li kien hemm minħabba l-patata u kellu xi mitt xkora ġewwa.

Fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-akkużi huma repettitivi biex jiġi applikat il-prinċipju li dik l-aktar gravi tinkorpora u tassorbi l-akkużi. Din il-Qorti eżaminat l-akkużi bir-reqqa u ma hemm ebda repetizzjoni u kull akkuża hija fformulata fuq artikolu speċifiku tal-liġi konċernata.

Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-*Bird Caller* mgħoddi lilll-Pulizija kien qiegħed attwalment jintuża. Mix-xhieda tal-Pulizija jirriżulta li x'ħin talbuh il-*Bird caller* huwa mar iġibu

mill-cooker mentri meta mistoqsi fuq il-pedana tax-xhieda l-appellant l-ewwel jgħid li minn ġo kexxun tal-cupboard umbgħad jirrispondi li minn ġol cupboard ħdejn il-cooker. In oltre, l-Pulizija għamlu referenza għal bird caller u kif waqaf meta ħasshom l-appellant.

Fit-tielet aggravju l-appellant qed isostni li x-xbiek kien preżenti bi traskuraġni tiegħu u mhux għax kien qed jonsob. Mill-eżami dettaljat tal-affidavits tal-Pulizija huwa ċar li x-xbiek kien mgħammar b'għan tal-insib u mhux bi traskuraġni.

**Eżami tax-Xhieda tal-appellant u l-affidavits tal-Pulizija**

**Il-Ħin**

L-appellant Carmel Camilleri jgħid fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti li wasal għal **ħdax ta' bil-lejl l-għalqa** u l-Pulizija kollha jikkonfermaw fl-affidavit tagħhom li ħin kien bejn **nofs il-lejl (00:00) u nofs siegħa ta' filgħodu** meta kienu għaddejjin mill-area ta' bejn Ħal Far u Żurrieq

Iġifieri ma kienx għadu kemm jasal l-għalqa kif qal hu fix-xhieda tiegħu, kien ilu bil-fors bejn siegħa u siegħa u nofs l-għalqa.

**Għasafar tal-Plastik biss**

L-appellant jgħid li għasafar **tal-plastik biss** kellu (Fol 35) u ma kienx hemm ħajjin pero' l-Pulizija kollha jikkonfermaw li kien hemm ***Pluvieri ħajjin*** *mdawrin mal-kamra*. Inoltre, meta tefa' l-*bird caller* huma segwew l-għajjat tagħhom biex wasslu għal għalqa tiegħu.

**Kien moħbi**

Il-fatt li huwa jgħid li l-Pulizija għamlu xi nofs siegħa jfittxu, jitkompla jissaħħaħ l-argument li huwa kien qiegħed jistaħba u mhux kif qal hu.

**Minn fejn ġab il-*bird caller***

PS 1141 jiddeskrivi li l-appellant mar iġib il-bird caller **minn ġol cooker ,** mentri meta mistoqsi minfejn ġabu l-appellant jgħid ' ***mill-kexxun , kelli cupboard'*** . Meta mwissi mill-Avukat li qiegħed taħt ġurment l-appellant jgħid : '*Ija, mela mela, Minn fejn il-cooker, kelli cupboard u tajtulhom'.*

Mill-evidenza mressqa mill-Prosekuzzjoni ma hemm ebda dubju li l-appellant kien qed jonsob.

Ikkunsidrat ulterjorment :

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Paul Grech u Carmel Farrugia deċiża fil-25 Awwssu, 2008 il-Qorti tal-Appell Kriminali *per* Prim Imħallef Vincent Degaetano rriteniet dwar dan illi:-

> *"kif ġie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l-espressjoni "tipprova tieħu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib, ma tirreferix għan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodiċi Kriminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tieħu" għasfur li hija jkollha lest l-apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex, appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem ieħor, anke jekk ma jitfaċċa ebda għasfur papabbli għan-nasba, iżda jkun hemm apparat suffiċjenti għall-insib – u f'dan il-każ, għall-insib ta' speċi partikolari ta' għasfur, cioe' pluviera – dik il-persuna tkun qed "tipprova tieħu". Issir referenza f'dan is-sens għas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Joseph Vella, 1/9/1995 u Il-Pulizija –vs- Joseph Cini, 15/7/2005."*

Għal din ir-raġuni din il-Qorti tiddikjara l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha u għaldaqstant ma tħossx li għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant tiċħad l-appell ta' Carmel Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.